Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2510

13.11.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2510

tat-12 ta' Novembru 2026

li tikkonferma l-parteċipazzjoni tal-Irlanda fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat il-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat in-notifika mill-Irlanda dwar ix-xewqa tagħha li taċċetta u tkun marbuta bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement ([1]),

Billi:

(1) Permezz ta' ittra lill-Kummissjoni tad-29 ta' Lulju 2026, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li taċċetta u tkun marbuta bid-Deċiżjoni (UE) 2023/1076.

(2) Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni tal-Irlanda fid-Deċiżjoni (UE) 2023/1076 tiġi kkonfermata.

(3) Ma hemm l-ebda kundizzjoni speċifika marbuta mal-parteċipazzjoni tal-Irlanda fid-Deċiżjoni (UE) 2023/1076 u ma hija meħtieġa l-ebda miżura tranżizzjonali.

(4) Sabiex l-Irlanda tkun tista' tapplika d-Deċiżjoni (UE) 2023/1076 malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-parteċipazzjoni tal-Irlanda fid-Deċiżjoni (UE) 2023/1076 hija kkonfermata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1076/oj.